# Il-Ħadd tal-Ħniena Divina - 19 ta' April 2020

*”Tumas, emmint għax rajtni. Henjin dawk li ma rawx u emmnu.”*



Is-sliem għalikom!

Din hija t-tislima li Ġesù jagħti lill-Appostli tiegħu fil-Vanġelu li ħa naqraw illum, aħna u niċċelebraw it-Tieni Ħadd tal-Għid, il-Ħadd tal-Ħniena Divina.

Ġesù jerġa’ jirrepeti l-istess tislima tiegħu lill-Appostli fiċ-ċenaklu imbeżżgħin mill-Lhud. “Is-sliem għalikom!”
Ġesù jimtela bil-ħeġġa, jimtela bil-kuraġġ wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet biex jiltaqa’ mal-Appostli. Tumas ma kienx magħhom. Tmint ijiem wara, il-Vanġelu jgħidilna Tumas kien hemmhekk, u Ġesù jerġa’ jidhrilhom, u jgħidilhom, “Is-sliem għalikom!” u Ġesù jinduna illi Tumas ma emminx illi huwa qam mill-mewt. Għalhekk idur fuq Tumas u jgħidlu,

“Tumas ġib sebgħek ‘l hawn, miss ġenbi, miss il-pjagi tiegħi.”

Ejjew ngħidu l-verità, ilkoll fina hemm biċċa minn Tumas. Ilkoll irridu naraw biex nemmnu, ilkoll irridu mmissu biex naraw dawk li jkun qiegħed jiġri madwarna.
Ġesù illum juri din il-ħniena tiegħu, Ġesù juri lilu nnifsu lilna fl-Ewkaristija, fil-preżenza tiegħu, fejn hemmhekk fl-Ewkaristija hemm il-ġisem tiegħu, jurina li huwa magħna biex iġibilna il-paċi tiegħu, biex iġibilna il-maħfra tiegħu.

Ejjew niċċelebraw dan il-Ħadd tal-Ħniena Divina. Ejjew inkunu bħall-Mulej Ġesù, anke f’dan il-ferħ tal-Għid li qegħdin ngħixu flimkien fid-djar tagħna, billi aħna wkoll nuru ħniena ma xulxin, nuru ħniena ma’ dawk illi forsi ilna xi ftit ma nkellmuhom, ma nċemplulhom, jew forsi is-sitwazzjonijiet tal-ħajja qed iżommuna ‘l bogħod minnhom. Ejjew nixbħu lil Ġesù, ejjew ngħixu il-ħajja tiegħu u nuru mhux biss l-imħabba tagħna lejn xulxin imma l-ħniena u l-maħfra tiegħu.



The Incredulity of Saint Thomas by Caravaggio, c. 1602

Inkomplu nifirħu b’dan il-ferħ tal-Għid, Ħadd wara Ħadd, għandna dan iż-żmien sabiħ quddiemna illi Ġesù qed juri lilu nnifsu lill-Appostli, qed juri lilu nnifsu lilna. Illum juri lilu nnifsu bħala dak li jħenn u jgħidilna biex inpoġġu subgħajna fil-ġerħat tiegħu, jistgħu ikunu il-ġerħat li qed naraw ta’ kuljum, jew fuq it-televiżjoni, jew inkella fil-familji tagħna, telefonati li nirċievu. Ejjew aħna wkoll ikollna sehem minn din il-ħniena li Ġesù jixtieq jgħaddi lilna u nifirħu illi qed inkunu parteċipi f’din il-missjoni li l-Mulej qed ikompli f’din id-dinja.

Ejjew inkunu ta’ spalla għal xulxin, ejjew nieħdu ħsieb lil xulxin, bl-iktar mod sempliċi, billi nkunu qrib xulxin, billi nkunu qed naħsbu f’xulxin.

Il-Mulej iberikna

dun roderick

## Liturġija tad-Dar fil-Familja



Araw idejja!

It-2 Ħadd tal-Għid - Il-Ħadd tal-Ħniena Divina

## Youth Mass - every Saturday 7PM




## Sunday Mass in English and Maltese



# Għallimna Nitolbu - segwi fuq Facebook



Qatt smajt 'l Alla jkellmek?

Ħafna drabi ngħidu, "ma nafx nitlob" inkella meta nitkellmu fuq it-talb moħħna mill-ewwel imur fuq il-quddies jew ir-rużarju, li huma forom tajbin ħafna ta' talb. Pero jeżistu forom oħra li forsi ftit aħna midħla tagħhom.

Jekk inti kurjuż jew kurjuża u tixtieq titgħallem iktar kif tisma' lil Alla jitkellem fil-ħajja tiegħek, allura segwi l-paġna fuq Facebook *Għallimna Nitolbu*.

facebook.com/GhallimnaNitolbu

# Riflessjoni - 2 Ħadd tal-Għid



## Pope to celebrate Divine Mercy Sunday in Rome church - 11am LIVE




Read more...

https://www.vaticannews.va/en/pope/news/2020-04/pope-francis-divine-mercy-sunday-20-years-holy-spirit-church.html

# Qari tal-Quddiesa

**Il-Qari bil-Malti**

**English version of Daily Readings**

**TQARBINA TAX-XEWQA**

Din it-talb hija għal meta persuna tixtieq titqarben, imma minħabba raġuni jew oħra ma tkunx tista', eżempju f'każ ta' mard.

Ġesù, jiena nemmen li Inti tinsab tabilħaqq fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija.

Irrid inħobbok fuq kollox u fuq kulħadd.

Inti taf li nixtieq nirċevik ġewwa fija.

Imma ġaladarba bħalissa ma nistax nilqgħek ġewwa fija sagramentalment, nitolbok li tiġi fija spiritwalment.

Ejja għandi Ġesù tiegħi, biex jiena niġi għandek.

Ħeġġiġni bl-imħabba għalik biex f'ħajti u f'mewti jiena nemmen fik, nitma fik u nibqa' nħobbok għal dejjem.

## Kummissjoni Djakonija




1st lot of Easter Hampers delivered. Special thanks to The Alfred Mizzi Foundation and Index Malta who provided van for deliveries. #CovidCantStopGOOD #lifelittlenecessities

---

## Registrations for Kindergarten 1 October 2020 Intake at STMC M’Skala St Joachim Primary




**Children born between 1st January and 31st December 2017 are to be registered for entry into Kinder 1 in October 2020.**

Those already registered at our school for the February 2020 intake do not need to apply again. Due to the current situation, registration forms can be obtained by sending an email to stmc.mskalstjoachim.pr@ilearn.edu.mt You then print and fill in registration form (2 pages) and scan or send as a photo back to the same school email address.

This would be a temporary registration. Once the situation gets back to normal, you will bring the original copies personally to school, together with the needed documents. Both parents will also be required to sign personally at school as per procedure to complete the registration.